**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Rikors Numru: 212/2021 RM**

**Charles James Schembri u martu Grace Schembri**

**-Vs-**

**Moussa Yassine (ID 0004103L li b'digriet tal-21 ta' Ottubru 2021 dan in-numru ġie mħassar u sostitwit bin-numru 0211003L) u martu Fathiea Yassine (ID 0173801L, li b'digriet tad-9 ta' Novembru 2021 dan in-numru ġie sostitwit bin-numru 348802L)**

**Illum, 4 ta' April 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat Charles James Schembri u martu Grace Schembri fit-22 ta' Lulju 2021 fir-Reġistru tal-Qorti fejn talbu illi l-konvenuti Moussa Yassine u martu Fathiea Yassine jiġu kkundannati li jħallsu s-somma ta' ħmistax-il elf Ewro (€15,000) rappreżentanti self permezz ta' cheque maħrug fl-1 ta' Ġunju 2016, li kopja tiegħu qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "Dok A"

Bl-ispejjez, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-8 ta' Marzu 2021 bin-numru 896/2021 (Dok B) u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qiegħed jiġi pprezentat kontestwalment, u bl-imgħaxijiet.

Rat illi l-konvenuti, debitament notifikati, dehru fid-data tal-ewwel smigħ tal-kawża fil-21 ta' Ottubru 2021 u talbu jikkontestaw il-kawża;

Rat id-digriet tagħha mogħti fl-istess seduta tal-21 ta' Ottubru 2021 li permezz tiegħu l-konvenuti ngħataw żmien ġimgħa biex jippreżentaw risposta għar-Rikors promotur;

Rat id-digriet tagħha mogħti fl-istess seduta tal-21 ta' Ottubru 2021 li permezz tiegħu awtorizzat il-korrezzjoni tan-numru tal-karta tal-identita' tal-konvenut Moussa Yassine kif indikat fir-Rikors promotur, billi n-numru 0004103L ġie mħassar u sostitwit bin-numru 0211003L;

Rat illi l-konvenuti taw ruħhom b'notifikati bir-Rikors promotur kif korrett;

Rat illi minkejja li ngħataw fuq talba tagħhom terminu biex jippreżentaw Risposta, il-konvenuti naqsu milli jagħmlu dan;

Rat illi b'digriet mogħti fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2021, ġiet awtorizzata korrezzjoni oħra fir-Rikors promotur u dan billi n-numru tal-karta tal-identita' tal-konvenuta Fathiea Yassine 0173801L kif indikat fl-istess Rikors, ġie sostitwit bin-numru 348802L;

Rat illi l-konvenuti ġew debitament notifikati bir-Rikors promotur kif korrett u bl-avviż tas-smigħ tal-kawza permezz tal-proċedura maħsuba taħt l-Artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kif awtorizzat permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Mejju 2022;

Rat illi minkejja li ġew debitament notifikati bir-Rikors promotur kif korrett u bl-avviż tas-smigħ tal-kawza, il-konvenuti ma dehrux quddiemha biex jikkontestaw il-kawża u baqgħu ma ppreżentaw l-ebda Risposta in linea ta' kontestazzjoni tat-talba attriċi fir-Rikors promotur;

Rat ukoll illi għalkemm il-konvenuti ngħataw l-opportunita' li jressqu provi fis-seduta skedata għal dan l-iskop fil-15 ta' Marzu 2023, huma ma deherx u baqgħu ma ressqu l-ebda provi;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi għalkemm il-konvenuti, debitament notifikati bir-Rikors promotur u l-avviż tas-smigħ tal-kawża, baqgħu ma ppreżentawx risposta u lanqas dehru quddiem il-Qorti biex jikkontestaw it-talba tal-atturi kif dedotta fir-Rikors promotur, dan ma jfissirx li t-talba ġiet ammessa jew ippruvata, jew li għandha bil-fors tintlaqa'. Kif inhu risaput, in-nuqqas ta' kontestazzjoni tat-talba attriċi ma jitqiesx li hija ammissjoni tal-istess talba iżda jitqies li huwa kontestazzjoni fiha nnifisha u konsegwentement, jibqa' jinkombi fuq l-attur l-oneru li jipprova l-kaz tieghu fil-grad probatorju meħtieġ mil-liġi fil-kamp ċivili, ċioe` li jikkonvinċi lill-Qorti li fuq il-preponderanza tal-provi, il-kaz huwa ppruvat fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet.

Illi fil-każ odjern, xehed l-attur Charles James Schembri[1] li spjega illi huwa kien silef lill-konvenut Moussa Yassine fuq talba tiegħu stess, is-somma ta' €15,000 permezz ta' *cheque* maħruġ mill-kont bankarju tiegħu ma' BNF Bank (Malta) plc fl-1 ta' Ġunju 2016. Kopja ta' dan ic-*cheque* ġie esebit fl-atti tal-kawża (Dok. A[2] u Dok. RA1[3]). Xehed illi l-konvenut ried isellef dan il-flus u peress li hu kien jaħdem mat-tifel tal-istess konvenut, it-tifel tiegħu kien qallu li jagħmel tajjeb hu f'każ li jiġri xi ħaġa. Jaf illi l-konvenut huwa miżżewweġ lil Fatima li jafha għaliex ġie kien imur għandhom. L-attur xehed illi għalkemm il-ftehim kien wieħed verbali u ma kienx sar ftehim bil-mitkub, il-konvenut kien wegħdu li ser iħallas kollox lura fi żmien sena. Madankollu, il-konvenut baqgħu ma ħallsu xejn lura mill-ammont misluf u minkejja li diversi drabu kien mar għand il-konvenuti għall-ħlas u saru diversi wegħdiet ta' ħlas, qatt ma rċieva ebda ħlas. L-attur ikkonferma bil-ġurament illi sal-lum, l-ammont sħiħ li silef lill-konvenut, fis-somma ta' €15,000, għadu kollu dovut. Dan hu l-ammont li qed jigi reklamat fir-Rikors promotur.

Il-ħruġ ta' dan ic-*cheque* mill-kont bankarju tal-attur Charles Schembri, ġie ppruvat bix-xhieda tar-rappreżentanti ta' BNF Bank (Malta) plc[4] li xehdu fuq talba tal-atturi u li kkonfermaw illi c-*cheque* fis-somma ta' €15,000 inħareġ mill-kont bankarju tal-attur mal-imsemmi bank, bin-numru 179965101. Dan ic-*cheque* inħareġ favur Moussa Yassine u ġie msarraf dakinhar stess x'aktarx mill-persuna li n-numru tal-karta tal-identita' tagħha tidher fuq wara tac-*cheque* (0211003L). Il-Qorti tosserva illi dan in-numru huwa effettivament in-numru tal-karta tal-identita' tal-konvenut Moussa Yassine kif jidher fl-okkju fir-Rikors promotur kif korrett.

Dawn il-provi ma gewx kontradetti mill-konvenuti li, kif ingħad, ma ressqux provi biex jikkontradixxu t-talba tal-atturi u biex jikkonvinċu lill-Qorti li l-ammont mhux dovut minnhom jew min minnhom, u jew illi l-atturi jew min minnhom m'għandhomx jedd għall-ħlas tal-ammont reklamat. Fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi

---

[1] Xhieda tal-14 ta' Diċembru 2022.
[2] Paġna 2 tal-atti tal-kawża.
[3] Paġna 50 tal-atti tal-kawża.
[44] Xhieda tal-31 ta' Jannar 2023 ta' Rowena Azzopardi u ta' Daniel Azzopardi tat-23 ta' Frar2023.

l-atturi rnexxielhom jipprovaw b'mod sodisfacjenti u fil-grad meħtieġ fil-kamp civili, illi s-somma ta' €15,000 ġie misluf lill-konvenuti u illi l-ammont reklamat minnhom ta' €15,000 huwa dovut lilhom u għadu dovut lilhom mill-konvenuti.

**Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tal-atturi Charles James Schembri u martu Grace Schembri u tikkundanna lill-konvenuti Moussa Yassine u martu Fathiea Yassine *in solidum* iħallsu lill-istess atturi s-somma ta' ħmistax-il elf Euro (€15,000) għar-raġuni indikata fir-Rikors promotur, bl-imghax mid-data tal-ewwel sejħa b'att ġudizzjarju, 8 ta' Marzu 2021[5] u bl-ispejjeż kif mitlub fl-istess Rikors promotur jitħallsu wkoll mill-konvenuti *in solidum*.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

[5] Dok. B anness mar-Rikors promotur.